



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.5.2006
KUMM(2006) 214 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Rapport ta' monitoraġġdwar l-istat ta' tħejjija għal sħubija fl-UE tal-Bulgarija u r-Rumanija

{SEG(2006) 595}
{SEG(2006) 596}
{SEG(2006) 598}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Rapport ta' monitoraġġdwar l-istat ta' thejjiġa għal sħubija fl-UE tal-Bulgarija u r-Rumanija

1. INTRODUZZJONI

L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija tikkompleta l-ħames tkabbir ta' l-UE, li beda f'Mejju 2004 bl-adeżjoni ta' għaxar Stati Membri ġodda, l-aktar mill-Ewropa ċentrali. Din is-serje ta' tkabbir tat kontribut għall-paċi, il-prosperità u l-istabilità madwar l-Ewropa.

Il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ġew miftehma fi Trattat ta' Adeżjoni ffirmat f'April 2005 bejn il-25 Stat Membru u ż-żewġ pajjiżi. Dan diġà ġie ratifikat mill-Bulgarija, ir-Rumanija u 14-il Stat Membru. Dan it-Trattat jistipula li l-Bulgarija u r-Rumanija jissieħbu fl-1 ta' Jannar 2007 sakemm il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, ma jiddeċidix li jipposponi l-adeżjoni ta' pajjiż minnhom sa l-2008.

Il-Kummissjoni hija mpenjata bis-sod li tiżgura li ż-żewġ pajjiżi jlestu t-tħejjijiet finali għall-adeżjoni tagħhom b'suċċess. Għal dan l-għan, hija mmonitorat mill-qrib il-progress li għamlu l-Bulgarija u r-Rumanija u pprovdiet appoġġ immirat biex tgħin视角 fl-isforzi ta' riforma tagħhom.

Iż-żewġ pajjiżi jistgħu jiġu mfaħħra għall-kisbiet tagħhom fit-trasformazzjoni b'suċċess tas-sistemi politiċi u ekonomiċi tagħhom f'demokraziji li jiffunzjonaw u ekonomiji tas-suq. Ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2005 kkonferma li l-Bulgarija u r-Rumanija laħqu l-kriterji politiċi għas-sħubija u wrew li t-tnejn li huma ssoktaw jagħmlu progress biex jilħqu l-kriterji kollha ekonomiċi u ta' *l-acquis*. Minkejja dan, dan ġibed l-attenzjoni għal numru ta' oqsma li jinħtieġu titjib ulterjuri.

Il-Kummissjoni ser tkompli tipprovdri appoġġ fit-tħejjijiet għas-sħubija tal-Bulgarija u r-Rumanija. Madankollu, jekk dawn in-nuqqasijiet jibqgħu jeżistu ma' l-adeżjoni, il-Kummissjoni ser tieħu l-azzjoni meħtieġa fir-rwol tagħha bħala garanti tat-trattati. Is-salvagwardji u miżuri oħra jistgħu japplikaw għas-suq intern, inkluż is-sikurezza ta' l-ikel, il-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, u l-amministrazzjoni tal-fondi mill-UE.

Dan ir-rapport isegwi fuq is-sejbiet tar-rapport ta' Ottubru 2005. Huwa bbażat fuq il-valutazzjoni dettaljata li tinsab fir-Rapporti ta' Monitoraġġ għal kull pajjiż hawn mehmuża. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni:

- tagħti ħarsa, sa l-aħħar ta' April 2006, lejn l-iżviluppi u t-tħejjija taż-żewġ pajjiżi fl-oqsma preċedement identifikati bħala fil-ħtieġa ta' aktar titjib;
- teżamina l-miżuri meħtieġa biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet li jistgħu jibqgħu hemm ma' l-adeżjoni;

- toħroġ konklużjonijiet dwar l-istat ta' tħejjija għal sħubija fl-UE tal-Bulgarija u r-Rumanija.

2. HARSJA FIL-QOSOR LEJN IS-SEJBIET TAL-MONITORAĠĠ

2.1. Il-Bulgarija

Kriterji politiċi

Il-Bulgarija tilħaq il-kriterji politiċi għal sħubija fl-UE.

Mir-rapport ta' Ottubru 2005 'l hawn, kien hemm progress f'numru ta' oqsma, inkluża r-riforma tal-ġudikatura. Fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja, daħlu fis-seħħ il-kodiċi ta' proċedura penali ġdid u l-qafas legali għall-ġhajna legali. Emendi kostituzzjonali jagħtu r-responsabbiltà tat-twettiq ta' l-investigazzjonijiet lis-servizz tal-prosekuzzjoni. Ġew adottati emendi fil-Liġi dwar il-Ġudikatura.

Il-Bulgarija ħadet numru ta' miżuri biex tiġġieled il-korruzzjoni. Ġie adottat kodiċi ta' etika għall-eżekuttiv. Ġiet adottata strateġija kontra l-korruzzjoni gall-2005-2008. Emendi kostituzzjonali naqqsu l-firxa ta' immunitajiet tal-membri tal-parlament. Il-prosekutur ġenerali ppreżenta talbiet biex titneħħa l-immunità ta' għaxar membri tal-parlament. Ħamsa astjenew b'mod volontarju mill-immunità tagħhom, u s-sitt wieħed tneħħitlu l-immunità b'vot fil-parlament. il-każijiet l-oħra għadhom qegħdin jiġu eżaminati. Dan ippermetta li jsiru investigazzjonijiet f'każijiet ta' korruzzjoni fuq livell għoli.

Il-Bulgarija għamlet progress fil-qasam ta' l-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' emendi fil-liġijiet dwar l-amministrazzjoni u l-uffiċjali pubbliċi, u wkoll Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva ġdid. Rigward it-trattament ħażin waqt kustodja, kien hemm xi tnaqqis fl-inċidenti, filwaqt li l-kundizzjonijiet f'ċerti ċentri ta' detenzjoni tjeġbu. Ittieħdu inizjattivi ta' politika għall-persuni b'diżabilità u fis-sistema tal-kura tas-saħħa mentali. Żdied ukoll l-appoġġ soċjali għall-persuni b'diżabilità.

Madankollu, għad hemm xi kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati. L-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja għandhom b'żonn jissaħħu. Jinħtieġu aktar sforzi biex tiġi kkonsolidata l-implimentazzjoni ta' l-allokazzjoni mingħajr ordni speċifika tal-każijiet madwar il-pajjiż. Jinħtieġu mekkaniżmi aktar oġġettivi u trasparenti biex tiġi valutata l-kwalità tal-ħidma tal-maġistrati. Kull ambigwiżità rigward l-indipendenza tal-ġudikatura għandha titneħħa. Fil-proċess ta' qabel il-kawża kien hemm xi nuqqasijiet minħabba r-regoli proċedurali u n-nuqqas ta' investigaturi. Kienu f'it ir-riżultati tanġibbli fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

L-istrutturi ta' koordinament u implimentazzjoni tal-politika kontra l-korruzzjoni jeħtieġ li jissaħħu sabiex ikunu jistgħu jwettqu r-rwoli tagħhom b'mod effettiv. Fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fuq l-livell għoli, l-atti ta' akkuża, il-prosekuzzjonijiet, il-kawżi, il-ġudizzji ta' ħtija u s-sentenzi dissuasivi għadhom rari. Il-Bulgarija trid tippreżenta evidenza ċara tar-riżultati f'dan il-qasam.

L-istrateġija li l-amministrazzjoni tiġi deċentralizzata għadha ma ġietx adottata. Il-Bulgarija għadha pajjiż ta' tranżitu u, kemxejn inqas, pajjiż ta' l-orijini u ta'

destinazzjoni għat-traffikar tal-persuni. Għad hemm każijiet ta' trattamenti ħażin tad-detenuti. Il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien f'diversi istituzzjonijiet tal-kura tat-tfal u tas-saħħa mentali jridu jitjiebu billi jiġu implimentati inizjattivi ta' politika, u jinħolqu sistemi ta' kura alternattivi. L-inklużjoni soċjali tal-minoranza Roma għadha tinħtiegħ sforzi sostanzjali. Jinħtiegħ wkoll sforzi ulterjuri biex tiġi miġġielda kull forma ta' intolleranza, b'mod partikolari billi tiġi applikata bis-siġħ il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar ix-xandir u attivitajiet oħra li l-għan tagħhom huwa li jiġġieldu kull forma ta' razziżmu, diskriminazzjoni jew ksenofobija.

Kriterji ekonomiċi

Il-Bulgarija għandha ekonomika tas-suq operattiva. It-tkomplija tar-riformi kurrenti għandhom jippermettulha li tkampa bil-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni fil-futur qarib. Il-Bulgarija żammet mhux ħażin l-istabilità makroekonomika u għamlet riformi strutturali.

Mir-rapport ta' Ottubru 2005 'l hawn il-progress issokta. Ittieħdu passi utli biex jtrażżan id-defiċit estern. Il-proċess ta' privatizzazzjoni u l-liberalizzazzjoni u r-ristrutturazzjoni ta' l-utilitajiet jinsabu fi stadju avvanzat. Sar ukoll progress addizzjonali fit-titjib ta' l-ambjent tan-negozju u fit-tnaqqis tan-nefqa fuq ix-xogħol mhux imħallas.

Madankollu, id-defiċit fil-kont kurrenti żdied u dan jiġġustifika l-kontinwazzjoni ta' politika fiskali u tal-pagi prudenti. Jeħtiegħ li r-riformi strutturali jkunu aktar fil-fond u jtejbju l-ħidma tas-sistema ġudizzjarja u jkomplu jħaffu l-piż regolatorju fuq in-negozji. Il-qafas regolatorju għas-suq ta' l-impjiegi jeħtiegħ li jsir aktar flessibbli.

Impenji u rekwiżiti li joħorġu min-negozjati dwar l-adeżjoni

Il-Bulgarija laqget livell konsiderevoli ta' allinjament ma' l-*acquis*.

Ir-rapport ta' Ottubru 2005 ikkonkluda li l-Bulgarija tkun lesta għall-adeżjoni f'numru kbir ta' oqsma. Numru ta' oqsma oħrajn kienu jeħtiegħ sforzi akbar, u 16-il qasam kienu jħallu tħassib serju.

Minn dak iż-żmien, sar aktar progress. Jekk jinżamm il-progress ta' paċi fil-preżent, il-Bulgarija għandha tkun lesta għall-adeżjoni fl-oqsma addizzjonali li ġejjin: l-akkwisti pubbliċi, l-għarfien reċiproku ta' l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti industrijali; il-libertà tal-provvista ta' servizzi mhux finanzjarji; il-parti l-kbira ta' l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni fl-agrikoltura; l-avjazzjoni; it-taxxi tas-sisa; l-istrutturi għall-implimentazzjoni tat-tassazzjoni; il-liberalizzazzjoni tas-servizzi postali; il-leġiżlazzjoni dwar il-politika reġjonali; kimiċi u organiżmi modifikati ġenetikament; il-leġiżlazzjoni dwar l-istorbju; il-politika dwar il-viża; u l-preparazzjonijiet doganali.

Sar ukoll progress f'numru ta' oqsma li m'għadhomx iħallu tħassib serju iżda xorta waħda jeħtiegħ sforzi akbar biex il-preparazzjonijiet ikunu kompluti: is-settur ta' l-assigurazzjoni, il-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-aġenzija tal-ħlas għall-agrikoltura, l-organizzazzjoni tas-suq komuni tal-ħalib, il-miżuri ta' kontroll kontra l-mard ta' l-annimali, il-postazzjonijiet ta' spezzjoni veterinarja fuq il-fruntieri; is-saħħa ta' l-annimali, il-kummerċ fl-annimali ħajjin u fil-prodotti ta' l-annimali, aspetti veterinarji tas-saħħa pubblika; strutturi ta' amministrazzjoni istituzzjonali u finanzjarja għall-

politika reġjonali, kif ukoll it-tnejn rigward Schengen u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-ġejjieni ta' l-UE.

Jinhtiegħu sforzi akbar ukoll f'dan li ġej: l-għarfien reċiproku tal-kwalifiki professjonali; is-servizzi finanzjarji, is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informatika, il-ħarsien tad-*data* personali; il-leġiżlazzjoni biex tiġġieled il-ħasil tal-flus; mekkaniżmi għan-negozju agrikolu; l-organizzazzjonijiet tas-suq komuni ta' l-inbid, l-alkoħol u l-laħam taċ-ċanga; il-leġiżlazzjoni fis-settur veterinarju u fitosanitarju; diversi aspetti tas-sajd; it-trasport bil-baħar; ir-regoli dwar it-tassazzjoni diretta u l-VAT; il-liġi dwar l-impjeg, id-djalogu soċjali, l-inklużjoni soċjali, il-politika kontra d-diskriminazzjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, is-saħħa pubblika; il-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija; l-enerġija nukleari u s-sigurtà nukleari, b'mod partikolari l-impjenji dwar l-għeluq bikri u d-dekommissjonament sussegwenti tar-reatturi ta' l-impjant ta' Kozloduy; ir-ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar; il-komunikazzjonijiet elettroniċi; il-kapaċità ta' programmazzjoni, monitoraġġ u akkwist tal-politika reġjonali; il-leġiżlazzjoni ambjentali orizzontali, il-kwalità ta' l-ilma, il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis, l-immaniġġjar ta' l-iskart; il-ħarsien tal-konsumatur; il-kenn politiku, il-kooperazzjoni ġudizzjarja; il-ġlieda kontra d-droga; il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE; u t-traduzzjoni ta' l-*acquis* għall-Bulgaru.

Hemm imbagħhad sitt oqsma fejn jibqa' tħassib serju, li jirrikjedu azzjoni urġenti:

- it-twaqqif ta' Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS) fl-agrikoltura (il-kapitolu 7 ta' l-*acquis*);
- il-ħolqien ta' faċilitajiet ta' tqassim u t-trattament skond l-*acquis* ta' l-enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli (TSE) u l-prodotti sekondarji ta' l-annimali (il-kapitolu 7 ta' l-*acquis*);
- evidenza ċara tar-riżultati ta' l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' xirkiet ta' kriminalità organizzata (il-kapitolu 24 ta' l-*acquis*);
- implimentazzjoni aktar effettiva u effiċjenti tal-liġijiet fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni (il-kapitolu 24 ta' l-*acquis*);
- infurzar intensifikat tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus (il-kapitolu 24 ta' l-*acquis*);
- it-tiżni tal-kontroll finanzjarju għall-użu fil-ġejjieni tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni (il-kapitolu 28 ta' l-*acquis*).

2.2. Ir-Rumanija

Kriterji politiċi

Ir-Rumanija tilħaq il-kriterji politiċi għal sħubija fl-UE.

Mir-rapport ta' Ottubru 2005 'l hawn, kien hemm progress f'numru ta' oqsma. Saru passi sinifikanti fir-riforma tal-ġudikatura. Wara r-riforma ġudizzjarja ta' l-2005, ġew adottati miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' sezzjonijiet u *panels* tal-qorti speċjalizzati. Il-proċess li l-każijiet jiġu allokati lill-imħallfin mingħajt ordni speċifika qiegħed ikompli

madwar il-pajjiż. Dan tejjeb l-imparzjalità tas-sistema ġudizzjarja. Id-Direttorat Ġenerali għall-Ħarsien u Kontra l-Korruzzjoni, is-servizz tas-sigurtà parzjalment militari tal-Ministeru tal-Ġustizzja ġie abolit. Ir-riżorsi tas-sistema ġudizzjarja żdiedu, inklużi dawk tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-qrati tjebeu.

Ir-Rumanija għamlet progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni billi waqqfet strutturi b'saħħithom u bdiet investigazzjonijiet f'numru konsiderevoli ta' każijiet ta' korruzzjoni fuq livell għoli. Wara dawn l-investigazzjonijiet, ġew akkużati erba' uffiċjali prominenti.

Rigward ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, ġie rivedut l-istatut tas-servizz pubbliku u ġiet adottata l-leġislazzjoni dwar id-deċentralizzazzjoni. Sar ċertu progress fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni, kif ukoll fir-riforma tas-sistemi tal-kura għall-persuni b'diżabilità u l-persuni b'mard mentali. Ir-Rumanija għamlet progress sinifikanti fil-qasam tal-ħarsien tat-tfal, fejn is-sitwazzjoni ġenerali tjebet mhux ħażin. Sar progress fir-rigward tar-restituzzjoni tal-proprjetà.

Madankollu, għad hemm xi kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati. Rigward is-sistema ġudizzjarja, il-kodiċi ta' proċedura jeħtieġu razzjonalizzazzjoni ulterjuri. Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura għandu jżid l-attivitajiet tiegħu biex jippromwovi l-interpretazzjoni uniformi tal-liġi u jispezzjona l-kwalità tas-sentenzi. Il-Qrati u l-uffiċjali tal-prosekuzzjoni għandhom bżonn jużaw ir-riżorsi disponibbli aħjar.

Fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fuq livell għoli, jeħtieġ li r-Rumanija tkompli bl-isforzi tagħha bl-iskop li tikkonsolida u tibni fuq il-progress li sar fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Ir-riformi magħmula mill-Ministeru tal-Ġustizzja u mid-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni jridu jtkomplew bi sforzi ta' appoġġ mill-istituzzjonijiet kollha l-oħra ta' l-istat sabiex il-progress li sar isir irriversibbli.

Fil-qasam ta' l-amministrazzjoni pubblika, il-gvern kompli jirrikorri b'mod estensiv għal ordinanza ta' emerġenza, li hija ta' deterrent għall-parlament. Ir-reviżjoni ta' l-iskala tas-salarji fis-settur pubbliku jiba' jkollha importanza partikolari għall-etika professjonali fis-servizz pubbliku. Ir-Rumanija għadha pajjiż ta' tranżitu u, kemxejn inqas, pajjiż ta' l-oriġini u ta' destinazzjoni għat-traffikar tal-persuni. Il-każijiet fejn it-trattament ħażin waqt detenzjoni jiġi segwit għandhom rari u xi hażijiet għandhom numru eċċessiv ta' detenuti u kundizzjonijiet ta' l-għajxien u ta' sanità ħżiena. Il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien f'istituzzjonijiet psikjatriċi jeħtieġu titjib. Għandhom jiġu implimentati l-istrateġija nazzjonali għall-persuni b'diżabilità u inizjattivi ta' politika oħra. L-inklużjoni soċjali tal-minoranza Roma għadha tinħtieġ sforzi sostanzjali. Id-dibattitu dwar l-abbozz ta' liġi ġdid dwar il-minoranza fil-parlament għandu jkun segwit mill-qrib. Jinħtieġu wkoll sforzi akbar fil-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni, il-ksenofobija u kull forma ta' intolleranza.

Kriterji ekonomiċi

Ir-Rumanija għandha ekonomika tas-suq operattiva. L-implimentazzjoni vigoruża tal-programm ta' riforma strutturali tagħha għandha tippermettilha li tilħaq il-kriterji ekonomiċi kompletament fil-futur qarib. Ir-Rumanija żammet mhux ħażin l-istabilità makroekonomika u għamlet riformi strutturali.

Mir-rapport ta' Ottubru 2005 'l hawn il-progress issokta. Ġew adottati linji ta' politika fiskali, monetarji u tal-pagi aktar xierqa. Tjebbet il-konformità fiskali, id-dixxiplina finanzjarja tal-kumpaniji ġiet infurzata aħjar u l-qafas tal-falliment tjieb. Ir-ristrutturar issokta fis-setturi ta' l-enerġija, il-minjieri u t-trasport.

Madankollu, ir-riforma fin-nefqa pubblika għandha titjeb u d-dħul mit-taxxi għandu jissaħħaħ/ Ir-riformi strutturali aktar fil-fond jirrikjedu b'mod speċjali r-ristrutturar kontinwu tas-setturi ta' l-enerġija, il-minjieri u t-trasport u progress fl-implimentazzjoni tal-programm ta' privatizzazzjoni. Għadhom qegħdin jakkumulaw arretrati ġodda u l-qafas tal-falliment għad għandu xi nuqqasijiet.

Impenji u rekwiżiti li joħorġu min-negozjati dwar l-adeżjoni

Ir-Rumanija laħqet livell konsiderevoli ta' allinjament ma' l-*acquis*.

Ir-rapport ta' Ottubru 2005 ikkonkluda li r-Rumanija tkun lesta għall-adeżjoni f'numru kbir ta' oqsma. Numru ta' oqsma oħrajn kienu jeħtieġu sforzi akbar, u 14-il qasam kienu jħallu tħassib serju.

Minn dak iż-żmien, sar aktar progress. Jekk jinżamm il-progress ta' paċi fil-preżent, ir-Rumanija għandha tkun lesta għall-adeżjoni fl-oqsma addizzjonali li ġejjin: l-akkwisti pubbliċi; il-ħarsien tad-*data* personali; is-saħħa ta' l-animali; ir-riżorsi, il-flotot, il-kontroll u l-politika tas-suq tas-sajd; il-leġiżlazzjoni dwar il-politika reġjonali; il-politika dwar il-viża; il-preparazzjonijiet doganali; u l-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE.

Sar ukoll progress f'numru ta' oqsma li m'għadhomx iħallu tħassib serju iżda xorta waħda jeħtieġu sforzi akbar biex il-preparazzjonijiet ikunu kompluti: il-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali; il-postazzjonijiet ta' spezzjoni veterinarja fuq il-fruntieri u l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali, miżuri ta' kontroll kontra l-mard ta' l-annimali, u aspetti veterinarji tas-saħħa pubblika; strutturi ta' amministrazzjoni istituzzjonali u finanzjarja għall-politika reġjonali; il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis industrijali; it-tnejjijiet rigward Schengen u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-ġejjieni ta' l-UE, u l-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni.

Jinħtieġu sforzi akbar ukoll f'dan li ġej: miżuri orizzontali u proċedurali dwar il-prodotti industrijali; rekwiżiti tal-prodotti taħt l-istrategġija l-qadima inkluż il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' GMOs; id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-UE; il-libertà tal-provvista ta' servizzi mhux finanzjarji; ir-rekwiżiti ta' kapital għall-banek u fondi ta' investiment, l-assigurazzjoni tal-vetturi; il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; il-kontroll fuq l-għajjnuna mill-Istat u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' ristrutturar fis-settur ta' l-azzar; il-parti l-kbira ta' l-organizzazzjonijiet tas-suq komuni fl-agrikoltura, il-politika tal-kwalità, il-mekknizmi tan-negozju agrikolu, iż-żootekniki, in-nutrizzjoni ta' l-annimali, in-negozju ta' l-annimali ħajjin u tal-prodotti ta' l-annimali; azzjonijiet strutturali fis-sajd; it-tassazzjoni diretta u l-VAT; il-liġi dwar l-impjieġ, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, id-djalogu soċjali, l-inklużjoni soċjali, it-trattament indaqs bejn irġiel u nisa, il-Fond Soċjali Ewropew; is-saħħa pubblika; il-programm Komunitarju Youth; il-politika awdjoviżiva; il-monitoraġġ tal-politika reġjonali; il-leġiżlazzjoni ambjentali orizzontali, il-ħarsien tan-natura, l-immaniġġjar ta' l-iskart, il-kwalità ta' l-ilma, il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-ġlieda

kontra d-droga; il-kontroll finanzjarju intern pubbliku, il-verifika esterna u l-kontroll fuq l-infiq fuq azzjonijiet strutturali; u t-traduzzjoni ta' l-*acquis* għar-Rumen.

Hemm imbagħad erba' oqsma fejn jibqa' tħassib serju, li jirrikjedu azzjoni urġenti:

- l-akkreditazzjoni ta' aġenziji tal-ħlas operattivi kompletament biex jamministraw il-ħlasijiet diretti lill-bdiewa u l-operaturi taħt il-politika agrikola komuni, li tibni fuq il-progress li sar (il-kapitolu 7 ta' l-*acquis*);
- it-twaqqif ta' Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS) fl-agrikoltura, li tibni fuq il-progress li sar (il-kapitolu 7 ta' l-*acquis*);
- il-ħolqien ta' faċilitajiet tal-ġbir u t-trattament skond l-*acquis* ta' l-enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli (TSE) u l-prodotti sekondarji ta' l-animali (il-kapitolu 7 ta' l-*acquis*);
- sistemi ta' l-IT għall-amministrazzjoni tat-taxxa lesti għall-interoperabilità ma' dawk tal-bqija ta' l-Unjoni, sabiex jippermettu l-ġbir kif xieraq tal-VAT madwar is-suq intern ta' l-UE (il-kapitolu 10 ta' l-*acquis*).

3. SALVAGWARDJI U MIŻURI OĦRA

Huwa fir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet taż-żewġ pajjiżi li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jindirizzaw il-kwistjonijiet pendenti identifikati f'dan ir-Rapport, u biex b'hekk ikunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom taħt l-*acquis* ma' l-adeżjoni. Dan jikkonċerna l-aktar l-oqsma li jħallu tħassib serju, iżda wkoll dawk identifikati f'dan ir-rapport li jinħtieġu sforzi akbar.

Fin-nuqqas ta' dan, il-Kummissjoni, bħala l-garanti tat-Trattati, ikollha tieħu l-azzjoni preventiva jew ta' rimedju neċessarja sabiex tissalvagwardja t-tħaddim tal-politika ta' l-UE.

Din il-parti tindika s-salvagwardji u miżuri oħra li jistgħu jiġu imposti fil-każ li ċerti nuqqasijiet ma jiġux indirizzati b'mod adegwat sa' l-adeżjoni. Dawn qegħdin jiġu ppreżentati fi tliet oqsma ġenerali: is-suq intern, il-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-użu tal-fondi mill-UE.

3.1. Is-suq intern

L-*acquis* innifsu u t-Trattat ta' Adeżjoni jistipulaw numru ta' miżuri ta' salvagwardja fil-każ li l-Bulgarija jew ir-Rumanija ma jkunux kapaċi li jonoraw l-obbligi kollha tagħhom sa l-adeżjoni. Is-salvagwardja fit-Trattat ta' Adeżjoni tista' tittieħed sa tliet snin wara l-adeżjoni. Jistgħu jiġu applikati wkoll strumenti oħra, bħall-proċedura ta' ksur u l-mekkaniżmi ta' infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Din it-taqsuma tkopri kemm l-erba' libertajiet kif ukoll il-politika ta' l-UE dwar il-kompetizzjoni, l-enerġija, it-trasport, l-ambjent, it-telekomunikazzjoni, it-tassazzjoni, l-agrikoltura u l-konsumatur u l-ħarsien tas-saħħa fejn dawn ikollhom effett li jaqsam il-fruntieri.

Rigward l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSE), l-*acquis* jirrikjedi li l-faċilitajiet ta' tqassim u trattament ikunu xierqa biex jiżguraw li l-ebda materjali ta' riskju speċifikati ma jergġhu lura lejn il-katina alimentari ta' l-animali. Il-Bulgarija u r-Rumanija għad għandhom bżonn joħolqu dawn il-faċilitajiet ta' trattament. Jekk sa l-adeżjoni din is-sitwazzjoni ma tiġix irranġata, il-Kummissjoni tiegħu deċiżjoni fuq il-bażi ta' l-*acquis* sabiex tevita li l-prodotti ta' l-animali relatati li jkunu qegħdin jistennew trattament jergġhu lura għall-katina alimentari.

Il-qafas ta' l-UE dwar il-VAT u t-taxxi tas-sisa jipprevedi sistemi kompjuterizzati interkonnessi fi ħdan is-sistemi tad-*data* tal-KE. Il-preparazzjonijiet tar-Rumanija jeħtieġ li jitħaffu sabiex jiżguraw li s-sistemi ta' l-IT tagħha jkunu operattivi kompletament u lesti għall-interkonnessjoni ma' l-adeżjoni. Inkella it-tneħħija tal-fruntieri fiskali ma tkunx possibbli ma' l-adeżjoni u l-Kummissjoni tiegħu miżuri bbażati fuq l-Artikolu 37 ta' l-Att ta' Adeżjoni biex iżżomm il-kontrolli fiskali fiżiċi fil-fruntieri interni bejn ir-Rumanija u l-bqija ta' l-UE.

3.2. Ġustizzja, libertà u sigurtà

Il-Ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni

Fil-każ li l-Bulgarija jew ir-Rumanija ma jkunux jistgħu jonoraw l-obbligi tagħhom rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja, it-Trattat ta' Adeżjoni jistipula miżuri ta' salvagwardja sa tliet snin mill-adeżjoni.

Jekk l-implimentazzjoni ta' riformi fis-sistema ġudizzjarja ma jkunux avvanzati biżżejjed f'wieħed mill-pajjiżi qabel l-adeżjoni, jew jekk il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-ġudikatura ma tagħti l-ebda riżultat tanġibbli, il-Kummissjoni toħloq mekkaniżmu biex iżżid il-monitoraġġ f'dan il-qasam skond l-Artikolu 38 ta' l-Att ta' Adeżjoni.

Il-mekkaniżmu jitwaqqaf għal perjodu li jista' jlaħħaq tliet snin u jkun jirrikjedi rapport annwali lill-Kummissjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tar-riformi fil-ġudikatura u f'entitajiet ta' l-infurzar tal-liġi relatati, u dwar il-miżuri kontra l-korruzzjoni li jaffettwawhom. Id-deċiżjoni li twaqqaf il-mekkaniżmu tkun tinkludi livelli mfassla skond in-nuqqasijiet speċifiċi osservati f'kull pajjiż, u li magħhom jitkejjel il-progress.

Il-Kummissjoni tibda tirrapporta kull sena dwar ir-riżultati tal-mekkaniżmu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jekk wieħed mill-pajjiżi jonqos milli jindirizza n-nuqqasijiet b'mod adegwat, il-Kummissjoni tadotta miżuri ta' salvagwardja billi tissospendi l-obbligi ta' l-Istati Membri fil-preżent milli jirrikonoxxu b'mod awtomatiku s-sentenzi jew milli jeżegwixxu mandati maħruġa mill-qrati jew mill-prosekuturi ta' dak il-pajjiż.

Drittijiet fundamentali

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tar-Razziżmu u l-Ksenofobija josserva l-ħarsien u l-integrazzjoni tal-minoranzi fl-Istati Membri. Ma' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, ir-responsabbiltà tiegħu jew ta' l-aġenzija li teħodlu postu tiġi estiża għal dawn il-pajjiżi.

3.3. L-użu tal-fondi mill-UE

L-użu tal-fondi mill-UE jaffettwa l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u ta' l-operaturi ekonomċi fl-Istati Membri l-ġodda, kif ukoll il-bilanċ ġenerali tat-trasferimenti finanzjarji bejn dawn il-pajjiżi u l-baġit tal-Komunità.

Stat Membru jrid jagħti l-garanziji neċessarji fuq l-infiq kif xieraq tal-fondi mill-UE taħt amministrazzjoni maqsuma, jiġifieri l-Politika Agrikola Komuni u l-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni. Kull nuqqas f'dan ir-rigward jista' jdedwem l-użu tal-fondi jew iwassal għal talbiet sussegwenti mill-Kummissjoni għal korrezzjonijiet finanzjarji jew irkupri.

Fil-qasam ta' l-agrikoltura, huma meħtieġa aġenziji tal-ħlas akkreditati kif ukoll Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS) sabiex dawn jieħdu ħsieb il-pagamenti diretti lill-bdiewa u l-operaturi. Fir-Rumanija, l-aġenziji tal-ħlas m'humieq operattivi u akkreditati kompletament. Fil-Bulgarija u r-Rumanija ma twaqqfux IACS kif xieraq. Jekk dan ma jitrangax, minbarra l-mekkaniżmi eżistenti, il-Kummissjoni tista' tiahu miżuri skond l-Artikolu 37 ta' l-Att ta' Adeżjoni sabiex iżżomm il-ħlasijiet lill-Bulgarija u lir-Rumanija.

L-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet strutturali ta' l-UE jirrikjedu programmar u monitoraġġ effettiv, kif ukoll amministrazzjoni finanzjarja u sistemi ta' kontroll, inkluż għall-akkwisti pubbliċi. It-tnejn jidher tal-Bulgarija għall-kontroll fuq l-infiq tal-fondi strutturali jeħtieġ titjib. Jekk dawn ma jiġux rimedjati, dan idewwem ir-rilaxx tal-ħlasijiet mill-Kummissjoni.

4. KONKLUŻJONI

Il-Bulgarija u r-Rumanija ssoktaw bil-progress fit-tnejn tagħhom għas-sħubija. F'bosta oqsma l-pajjiżi b'mod ġenerali qegħdin iwettqu l-impenji tagħhom jew jinsabu fit-triq it-tajba li jwettqu r-rekwiżiti ta' l-*acquis*. Madankollu, għad hemm xi kwistjonijiet pendenti li jridu jiġu indirizzati. Xi wħud minn dawn jirrikjedu sforzi akbar, u f'xi ftit każi tinħtieġ azzjoni immedjata.

It-Trattat ta' Adeżjoni jistipula li l-Bulgarija u r-Rumanija jissieħbu fl-2007 sakemm il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, ma jiddeċidix li jipposponi l-adeżjoni ta' pajjiż minnhom sa l-2008. Għaldaqstant, il-Kunsill jista' jiddeċiedi dan:

- b'maġġoranza kwalifikata, jekk jiġu osservati nuqqasijiet serji fit-twettiq mir-Rumanija ta' wieħed jew aktar mill-impenji u r-rekwiżiti speċifiċi relatati mal-ġustizzja u l-intern u l-politika tal-kompetizzjoni, elenkati fl-Anness IX ta' l-Att ta' Adeżjoni, jew
- bl-unanimità, jekk ikun hemm evidenza ċara li l-istat ta' tnejn għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* fil-Bulgarija jew fir-Rumanija huwa wieħed fejn jeżisti riskju serju li wieħed mill-pajjiżi, b'mod ċar ma jkunx preparat biex jilħaq ir-rekwiżiti tas-sħubija sa l-1 ta' Jannar 2007 f'numru ta' oqsma importanti.

Fid-dawl tal-progress ġenerali li sar mill-Bulgarija u mir-Rumanija meta valutat fir-Rapporti ta' Monitoraġġ li jakkumpanjaw u mqassra f'din il-komunikazzjoni, il-

Kummissjoni tikkunsidra li l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom ikunu preparati għas-
sħubija sa l-1 ta' Jannar 2007, sakemm jindirizzaw numru ta' kwistjonijiet pendenti.

Sistema ġudizzjarja imparzjali, indipendenti u effettiva, mgħammra kif xieraq biex
tiġġieled il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata hija ta' importanza kbira, għaliex
tissoda l-funzjonament tas-soċjetà u l-ekonomija in ġenerali. F'dan ir-rigward:

- Il-Bulgarija jeħtieġ li turi evidenza ċara tar-riżultati fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni,
b'mod partikolari l-korruzzjoni fuq livell għoli, speċjalment f'termini ta'
investigazzjonijiet u proċeduri ġudizzjarji sussegwenti.
- Hija u tibni fuq il-progress li sar diġà, ir-Rumanija trid tkompli bl-isforzi tagħha u turi
riżultati ulterjuri fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, speċjalment f'termini ta' aktar
investigazzjonijiet u proċeduri ġudizzjarji sussegwenti.
- Il-Bulgarija trid tissokta bir-riforma tal-ġudikatura, b'mod partikolari biex issaħħaħ it-
trasparenza, l-effiċjenza u l-imparzjalità tagħha, u tneħħi kull ambigwià rigward l-
indipendenza tagħha.
- Hija u tibni fuq il-progress li sar diġà, ir-Rumanija trid tikkonsolida l-
implimentazzjoni tar-riformi ġudizzjarji li għaddejjin, u tkompli ttejjeb it-
trasparenza, l-effiċjenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura.

Barra minn hekk, il-Bulgarija trid:

- tagħti evidenza ċara tar-riżultati ta' l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' xirkiet ta'
kriminalità organizzata; timplimenta b'mod aktar effettiv u effiċjenti l-liġijiet fil-
ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni; tintensifika l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar
il-ħasil tal-flus; twaqqaf Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS) fl-
agrikoltura; toħloq faċilitajiet tal-ġbir u t-ttrattament skond l-*acquis* ta' l-enċefalopatija
sponġiformi trażmissibbli (TSE) u l-prodotti sekondarji ta' l-annimali; issaħħaħ il-
kontroll finanzjarju għall-użu fil-ġejjieni tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni.

Barra minn hekk, ir-Rumanija trid:

- takkredita l-aġenziji tal-ħlas biex jieħdu ħsieb l-infiq fil-politika agrikola komuni;
twaqqaf Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS) fl-agrikoltura;
toħloq faċilitajiet tal-ġbir u t-ttrattament skond l-*acquis* ta' l-enċefalopatija
sponġiformi trażmissibbli (TSE) u l-prodotti sekondarji ta' l-annimali; u tiżgura li s-
sistemi ta' l-IT għall-amministrazzjoni tat-taxxa jkunu lesti għall-interoperabilità ma'
daww tal-bqija ta' l-Unjoni, sabiex jippermettu l-ġbir kif xieraq tal-VAT madwar is-
suq intern ta' l-UE.

Il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar il-progress tal-Bulgarija u r-Rumanija huma u
jindirizzaw il-kwistjonijiet pendenti mhux aktar tard mill-bidu ta' Ottubru. Fuq din il-
bażi, il-Kummissjoni tikkunsidra jekk tistax tinżamm id-data ta' l-adeżjoni tagħhom fl-
Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007. Dan ir-rapport ikun jispeċifika wkoll l-oqsma fejn
jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' miżuri ta' salvagwardja jew miżuri ta' rimedju oħrajn ma'
l-adeżjoni.